TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/142/20/S

Elton Buhagiar

vs

Charles Schembri u Techno Marine Holdings Ltd.

Illum 27 ta' Frar, 2026

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Elton Buhagiar ippreżentata fit-12 t'Ottubru, 2020, u r-risposta ta' Techno Marine Holdings Ltd. iffirmata minn Charles Schembri u ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2020;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' x-xhieda u kif ukoll it-trattazzjoni li seħħet fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2023;

Ikkunsidra

Illi din il-pendenza tirrigwarda xogħol ta' mekkanik fuq dagħjsa li sar mill-intimat Charles Schembri li skont hu kien impjegat tas-soċjeta' intimata Techno Marine Holdings Ltd, u għalhekk skont hu kwalsiasi responsabbilta' hija dik tas-soċjeta' intimata u mhux tiegħu personalment;

Min-naħa tiegħu fir-risposta ppreżentata, Charles Schembri li ffirma din ir-risposta, spjega x-xogħol li huwa għamel u ċioe' li d-*drive* ġiet kunsinjata f'kundizzjoni tajba u funzjonabbli, u għamel riferenza wkoll li l-irċevuti ppreżentati mir-rikorrenti għandhom l-isem ta' Techno Marine;

Illi bla dubju ta' xejn jidher biċ-ċar li s-soċjeta' intimata Techno Marine Holdings Ltd għalkemm notifikata bl-Affissjoni, ma ressqet ebda risposta u l-avukat ta' Charles Schembri stqarr illi din is-soċjeta' kienet ġiet xolta;

Illi t-Tribunal jisħaq illi l-ġudizzju tiegħu irid ikun ibbażat fuq il-provi mressqa u jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **'Anthony Galea vs Gaetano Frendo'** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju 2007 u li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, fejn il-Qorti ikkonkludiet hekk:

*"Kull każ għandu jkun eżaminat fuq il-mertu u l-fatti speċi partikulari tiegħu. Dan jgħodd ukoll fejn tidħol l-applikazzjoni għal każ tal-prinċipji tad-dritt kif mifhuma fid-duttrina u fil-ġurisprudenza, ċ-ċertezza morali li fuqha l-ġudikant għandu jibni l-motivazzjoni tal-ġudizzju tiegħu trid issib il-ġustifikazzjoni tagħha fl-ewwel fit-totalita tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabbilitajiet…"*

Illi naturalment hija responsabbilta' tar-rikorrenti Elton Buhagiar li jġib il-provi in sostenn ta' dak li qed jallega u ċioe' li sar xogħol mhux sew jew għall-inqas bix-xogħol li sar kif inkarigat minnu, dan ma ssolviex il-problema illi kellu fid-dagħjsa tiegħu;

Illi t-Tribunal jisħaq illi bħala punt ta' dritt, il-piż tal-prova fil-mertu huwa mixħut fuq ir-rikorrenti u ċioe' fuq Elton Buhagiar;

In quantum l-intimati jibqgħu jkunu assistiti mill-preżunzjoni li mhumiex obbligati jagħmlu l-prova negattiva, imbagħad hija fir-responsabbilta' ta' dan it-Tribunal li jara jekk ir-rikorrenti issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-leġittimita' tal-pretensjoni tiegħu jew inkella ghandux dan it-Tribunal japplika r-regola ta' ġudizzju li l-fatti allegati ma ġewx sodisfaċjentement ippruvati u ċioe' *non esse et non probari paria sunt*;

Illi jingħad illi mill-provi imressqa m'hemmx indikazzjoni ċara illi l-intimati kienu negliġenti jew inkella għamlu xogħol ħażin, iżda dan ma jfissirx illi r-rikorrenti m'għandux raġun f'dak li jsostni fejn jgħid illi kellu jkompli jagħmel tiswijiet oħra wara li ħa d-dagħjsa għand l-intimati;

Illi din il-kawża tirrigwarda talba għal ħlas pero din it-talba mhijiex ġustifikata mill-provi illi xi ħadd mill-intimati naqas milli jipprovdi dak is-servizz illi wieħed jistenna kif mitlub mir-rikorrenti;

Illi jista' jkun li x-xogħol li sar ma kienx biżżejjed u kellu jsir xogħol ieħor pero' dan it-Tribunal għandu jieqaf u jara biss il-provi mressqa minnu u fit-totalita' tagħhom dawn ma jinkwadrawx u ma jsostnux it-talba tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimati.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba ta' Elton Buhagiar filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Charles Schembri, u b'dan illi kull parti tħallas l-ispejjeż inkorsi f'dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru